# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 31 ta' Jannar, 2019**

**Numru 25**

**Rikors numru 873/04 LSO**

**Wara l-Ittra Uffiċjali tas-26 ta' Ottubru, 2004, fl-ismijiet:**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**v.**

**Angelo Bonanno**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell prinċipali mressaq mill-eżekutat Anġelo Bonanno minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti tal-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija fit-12 ta' Diċembru, 2013, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri mqajma mill-Kummissarju

appellat (illum il-ġurnata jissejjaħ Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) u minn issa ’l hemm imsejjaħ “id-Direttur”) fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet tiegħu, laqgħet f’parti l-eċċezzjoni fil-mertu tal-istess Direttur u laqgħet parti mit-talba tal-eżekutat Bonanno billi sabet li, parti mit-taxxa mitluba mill-istess Direttur għas-Snin ta’ Stima bejn l-1975 u l-1981 kienet waqgħet bil-preskrizzjoni. Bl-imsemmija sentenza l-ewwel Qorti ordnat ukoll li l-ispejjeż jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet;

2. Fl-appell imressaq minnu fis-27 ta’ Diċembru, 2013, l-eżekutat Bonanno talab li din il-Qorti tħassar għal kollox l-imsemmija sentenza u tilqa’ t-talbiet tiegħu bl-ispejjeż kontra d-Direttur appellat;

3. Għall-imsemmi appell, id-Direttur eżekutant ressaq appell inċidentali fit-22 ta’ Jannar, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti (i) tħassar u tirrevoka għal kollox is-sentenza msemmija billi tilqa’ l-ewwel aggravju tiegħu u ssib li l-proċedura mnedija ma kinitx tagħti r-rimedju mitlub mir-rikorrent appellant; jew (ii) f’każ li l-ewwel aggravju tiegħu ma jintlaqax, li tirriforma l-imsemmija sentenza billi tilqa’ t-tieni aggravju tiegħu u ssib li t-taxxa dovuta mill-eżekutat appellant għas-Snin ta’ Stima bejn l-1975 u l-1981 ma waqgħux bil-preskrizzjoni u ssib li s-somma kollha msemmija fl-ittra uffiċjali li tat lok għal din il-proċedura hija dovuta mill-eżekutat appellant u tikkonferma l-imsemmija sentenza billi tiċħad l-appell prinċipali mressaq mill-istess

appellant. Mat-Tweġiba tal-Appell huwa ressaq ukoll kopji legali ta' żewġ atti ġudizzjarji li, għalkemm issemmew fl-atti quddiem l-ewwel Qorti, baqgħet ma tressqet qatt kopja tagħhom sa ma ngħatat is-sentenza appellata;

4. L-ewwel Qorti kienet waslet għal dik id-deċiżjoni wara li qieset li:

*"Illi l-kaz in eżami jirrigwarda stimi ta' taxxa fuq id-dħul jew taxxa provizorja li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien għamel għas-Snin ta' Stima 1975 sa 1989, u għas-Sena ta' Stima 1997. Ir-rikorrent odjern jgħid li ma hemm ebda ammont dovut peress li dejjem ħallas dak rikjest minnu skont il-Liġi, u li, inoltre l-ammont reklamat huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 47(2) tal-Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*"L-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni, fir-risposta tiegħu, invoka l-ammendi li ġew introdotti fil-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta li permezz tal-istess ammonti li għadhom ma inġabrux jistgħu jintalbu sas-sena 2005. Inoltre, riferibbilment għall-ammonti mitluba għas-Snin ta' Stima 1979 sa 1988, jgħid li dawn mhumiex preskritti għaliex ir-rikorrent kien oġġezzjona għalihom kif jispjega fir-Risposta tiegħu. Għar-rigward tal-ammonti dovuti għas-Snin ta' Stimi 1989 u 1997, inħarġet stima fuqhom fit-3 ta' Novembru 1997 u fit-3 ta' Mejju 2002 rispettivament u għalhekk lanqas dawn ma huma preskritti.*

*"**<u>Provi Prodotti</u>***

*"Il-Qorti bilfors ikollha tosserva li l-provi f'din il-kawża huma skarsi wisq. Biżżejjed li jiġi nnutat li l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Ottubru 2004 li hija l-pern ta' din il-kawża u anke l-bażi tal-eċċezzjoni ulterjuri ssollevata mill-intimat, ma ġiet esebita minn ħadd mill-partijiet. Madanakollu dwar l-eżistenza ta' din l-ittra u s-snin ta' Stima milquta minnha, ma hemm l-ebda kontestazzjoni. Difatti **Ludgardo Mercieca** a fol. 15 għamel riferenza għall-ittra imsemmija u kkonferma l-bilanċ li jikkombaċja mal-ammont imsemmi fir-rikors odjern. Dan joħroġ minn prospett li ġie esebit minn dan ix-xhud, in rappreżentanza tal-intimat odjern immarkat **DOK LM**, li jagħmel riferenza għas-Snin ta' Stima in kwistjoni u jagħti breakdown tal-ammont ta' taxxa maħduma għal kull sena.*

*"**Ludgardo Mercieca**[1] kkonferma li kienet saret oġġezzjoni mir-rikorrent għall-istimi tas-snin 1979 sa 1988 pero` meta d-Dipartiment bagħat għalih, naqas li jidher. L-oġġezzjoni ġiet irrifjutata. **(DOK LM2)**.*

*"Dan id-Dokument **(LM2)** huwa datat it-30 ta' Ottubru 2001. Minn din l-ittra mibgħuta mid-Dipartiment, joħorġu s-segwenti kostatazzjonijiet li ma ġewx kontradetti mir-rikorrent:*

*"i. Riferibbilment għal Y/A 1979 - 1982 u 1984 jirriżulta li r-rikorrent intalab li jibgħat prospetti ta' taxxa b'avviżi tas-7 ta' Novembru 1983 u 12 ta' Awwissu 1985.*

*"ii. Riferibbilment għal Y/A 1985 u 1986, intbagħatu avviżi datati l-25 ta' Settembru 1986 u 18 ta' Settembru 1987 fl-istess sens.*

*"Ir-rikorrent baqa' ma ressaqx prospetti għas-snin imsemmija u lanqas għall-1987 u 1988 tant li l-kont għal Y/A 1983-1987 inħadmu fuq bażi ta' prospett mhux mibgħut.*

*"iii. Ir-rikorrent ippreżenta oġġezzjoni għal Y/A 1979-1987, 1987 (add) u 1988 b'żewġ ittri datati l-20 ta' April 1990 u t-3 ta' Awwissu 1990.*

*"iv. L-intimat bagħat proposta dettaljata ta' ftehim fuq l-oġġezzjoni hekk imressqa b'ittra tal-20 ta' Ottubru 2000. "Din l-ittra reġistrata ġiet lura u intbagħtet ittra oħra datata s-17 ta' Jannar 2001." Din l-aħħar ittra iżda kienet sempliċement sejħa lir-rikorrent biex imur id-Dipartiment f'appuntament prefiss. Dan il-ftehim baqa' ma ġiex ritornat sat-30 ta' Ottubru 2001 (id-data tad-DOK LM2).*

*"**Dok LM2** għalhekk jgħid "li għandha titqies bħala notifika ta' rifjut bil-miktub mill-Kummissarju għall-iskopijiet tal-artikolu 33(5) tal-Kap. 372."*

*"Dan id-dokument tat-30 ta' Ottubru 2001 jirreferi għal Y/A 1979, 1981-1988. Ma jirriżultax li sar appell mill-istimi magħmula.*

*"Meta reġa' xehed f'seduta ulterjuri quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta[2] Ludgardo Mercieca esebixxa prospett **DOK LM** (a fol 29). li minnu jirriżulta s-segwenti: -*

*"Snin ta' Stima 1974 sa 1978, 1989, 1990 - M'hemmx oġġezzjoni;*

*"Snin ta' Stima 1979 sa 1988 - kien hemm refusal imma r-rikorrent m'għamilx appell. (**ara DOK LM2**);*

*"Sena ta' Stima 1997 - ir-rikorrent aċċetta il-ħlas skont l-ittra DOK.I (li ma ġietx esebita);*

*"Snin ta' Stima 1991 sa 1996 - ma hemmx taxxa.*

[1] Xhieda a fol.15 u 16 tal-process.
[2] Xhieda a fol. 52 *et.seq.* tal-process.

*“Xehed **Angelo Bonanno**[3] u qal li l-karti tat-taxxa ta' xogħolu kien jimlihomlu l-accountant.*

*“Xehed ulterjorment b'affidavit fejn qal li l-ewwel kien jaħdem għar-rasu mbagħad għamel 8 snin impjegat mal-kumpanija Bonanno Brothers Limited bil-paga. Il-paga kien jirċeviha bit-taxxa u l-boll imnaqqsa.*

*“"Aparti l-ittra uffiċjali li jien qed nirċieva ngħid li d-Dipartiment tat-Taxxa qatt ma kien bagħatli xi att ġudizzjarju ieħor ...Qabel l-ittra uffiċjali pero` jien ngħid li kont irċevejt talba sempliċement b'ittra b'talba għall-ħlas, iżda jien kont oġġezzjonajt għal tali talba. Illi ngħid li jiena ma smajt xejn wara l-oġġezzjoni iżda kont wara, u dan dejjem qabel l-ittra uffiċjali, ġejt mgħarraf li l-oġġezzjoni tiegħi ma ġietx milqugħa."*

*“**Dokumenti esebiti:** Is-segwenti dokumenti ġew esebiti mill-intimat u annessi ma’ rikors a fol. 56 -*

*“**DOK KT1 -** Ittra Uffiċjali ppreżentata fis-6 ta' Settembru 1990 kontra r-rikorrent "għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` Bonanno Brothers Construction Ltd," għal Lm901 għas-Snin ta' Stima 1988 u 1989. (Riferta datat 17/9/1990 a fol 60 bil-posta. Din l-ittra m'għandha x'taqsam xejn mal-każ in eżami li jirrigwarda lil Angelo Bonanno proprio u jidher li ġiet esebita bi żball peress li fir-rikors tiegħu, l-intimat juri li ried jesebixxi ittra uffiċjali oħra tal-istess data li kienet tirreferi proprju għal Y/A 1974-1987 fl-ammont ta' Lm8741. Minn **DOK KT2** jirriżulta li r-rikorrent irċieva ittra f'dan is-sens iżda dan mhuwiex biżżejjed sabiex l-intimat jissostanzja t-teżi tiegħu li interrompa l-preskrizzjoni peress li tali ittra ġudizzjarja kellha tiġi esebita sabiex il-Qorti jkollha l-opportunita` teżamina l-kontenut u l-import tagħha. Jibqa' l-fatt għalhekk, li l-Qorti m'għandha l-ebda prova li ż-żmien preskrittiv ġie interrott bil-preżentata ta' ittra ġudizzjarja.*

*“**DOl KT2** Ittra ta' oġġezzjoni datata l-24 ta' Settembru 1990, mibgħuta għan-nom ta’ Angelo Bonanno (Reg No 77 2089 21) li tagħmel riferenza għall-stimi għal Y/A 1987 u 1988 u tgħid li "a further objection has since been raised against years of assessment 1975/1987 ..... Id-Dipartiment ġie mitlub li jirriduċi l-ammont mitlub fl-ittra uffiċjali peress li kien hemm oġġezzjonijiet pendenti.*

*“**DOK KT3** - Ittra uffiċjali datata 11 ta Lulju 1991 fl-ammont ta’ Lm1,263 għal Y/A 1974 -1988 (orig.).*

*“**KT4 -** Mandat ta' Sekwestru eżekuttiv maħruġ kontra Angelo Bonanno fl-10 ta' Diċembru 1992 għall-imsemmija snin koperti bid-**Dok KT3**, li baqa’ jiġi pprorogat sas-sena 1999 **(DOK KT5)**.*

***“Eċċezzjonijiet tal-Intimat***

[3] Xhieda a fol. 19 *et. seq*. tal-process.

*“**Nullita` tal-Azzjoni***

*“Din l-eċċezzjoni ġiet sollevata f'nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta. Il-Qorti tosserva li din il-kawza tħalliet għas-sentenza fis-7 ta' Novembru 2006 u ma jirriżultax mill-atti li ġiet sollevata l-kwistjoni ta' nullita` tal-proċeduri odjerni waqt is-smigħ tal-provi u t-trattazzjoni tal-każ.*

*“Skont l-artikolu 728 tal-Kap 12, ir-regola ġenerali hija li l-ebda eċċezzjoni ulterjuri, salv dawk li huma ta' natura perentorja jew li jinqalgħu waqt il-kawża (art.731) ma tista’ tingħata mingħajr l-awtoriżżazzjoni tal-Qorti. Dan l-artikolu ġie ammendat bl-Att XXII tal-2005 fejn ir-riferenza għall-kelma "risposta" ġie abrogat u sostitwit b'riferenza għall-risposta ġuramentata biss.[4] Din l-ammenda kienet meħtieġa b'konsegwenza għall-ammendi wiesa’ li seħħew b'dan l-Att li sostitwew ir-Rikors Ġuramentat u r-Risposta Ġuramentata għall-proċedura b'ċitazzjoni u bin-nota tal-eċċezzjonijiet rispettivament.[5] Difatti l-artikolu 156 tal-Kap 12 kien japplika għal proċeduri li jinbdew permezz ta' ċitazzjoni "jew rikors".*

*“Dawn l-ammendi ma kienux għadhom in vigore fiż-żmien li ġew intavolati l-proċeduri odjerni u l-prinċipji ennunzjati fl-artikolu 728 għandhom japplikaw għar-risposta għar-rikors odjern. Dan il-każ ġie istitwit a tenur tal-artikolu **466 tal-Kap.12** li ma jirrikjedix Rikors Ġuramentat imma sempliċi rikors.*

*“Skont it-test tal-artikolu 728 tal-Kap. 12 ġa qabel l-ammendi imsemmija, jirriżulta li : "**(**1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 731 fil-kawżi li jsiru b’ċitazzjoni jew b'rikors l-eċċezzjonijiet kollha sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu għandhom jingħataw fin-nota tal-eċċezzjonijiet jew fir-risposta skont il-każ. Dawk l-eċċezzjonijiet li jolqtu l-meritu għandhom jingħataw bla ħsara ta’ dawn l-eċċezzjonijiet dilatorji."*

*“Dan l-artikolu ġie interpretat fi skorta ta' ġurisprudenza. Fis-sentenza fl-ismijiet **“Angelo Montebello vs Stratford Company Limited et”** (P.A. (RCP) – 29 ta’ Novembru 2007) fejn ingħad li ladarba eċċezzjoni ma tressqitx fin-nota ta’ eċċezzjonijiet dan ifisser li proprjament lanqas ma għandha tiġi kkunsidrata u dan peress li ma hemm l-ebda dubju li tali difiża għandha toħroġ min-nota ta’ eċċezzjonijiet jew illum mir-risposta ġuramentata u dan anke fuq l-iskorta ta’ ġurisprudenza konstanti nkluża dik ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kaz **“Vincent Camilleri vs Gaetana Aquilina”** (A.C. – 16 ta’ Marzu 2004); u **“Bank of Valletta plc vs Abbazia Company Ltd”** (A.I.C (RCP) – 5 ta’ Mejju 2011). Fuq l-istess vina jingħad li jekk tali eċċezzjonijiet ma jitressqux in limine litis dawn għandhom jiġu kkunsidrati bħala li ġew rinunzjati*

[4] XXII.2005.60
[5] XXII.2005.17

***"Fogg Insurances Agencies Limited vs Raymond Azzopardi"*** *(A.I.C. (PS) – 25 ta' Marzu 2003).*

*"Iżda fir-rigward ta' eċċezzjonijiet ta' natura perentorja kkontemplati fl-**artikolu 731** "ma jkunx meħtieġ li ssir talba lill-Qorti kif kontemplat fis-subinċiż (2) ta' l-Artikolu 728 u konsegwentement hija eskluża kull diskrezzjoni ta' dik il-Qorti li teżamina jekk kienx hemm raġuni valida 'l għaliex tali eċċezzjoni ma tkunx ingħatat fin-nota tal-eċċezzjonijiet jew fir-risposta." F'dan il-kaz "L-indaġini tal-Qorti ... għandha tkun limitata biex tistabbilixxi jekk verament tali eċċezzjonijiet humiex ta' natura perentorja jew jekk il-ħtieġa tagħhom inqalatx waqt il-proċeduri." - App. Civ. "**Sunspot Tours Lmited vs C.H. Caterers Limited" -** deċ. fis-16 ta' Diċembru 2003.*

*"Fil-każ in eżami, il-Qorti din l-eċċezzjoni ma ġietx imressqa formalment imma ġiet imqajma a lampo f'nota ta' sottomissjonijiet, <u>wara</u> li l-kawża tħalliet għas-sentenza.*

*"Fil-kawża fl-ismijiet "**M. C. Zammit Tabona et vs Emmanuele Borg"** -(App. Ċiv. deċ. fis-7 ta' Frar 1966) ġie stabbilit awtorevolment li "L-artikolu 158 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u tal-Proċedura Ċivili għandu jfisser li l-eċċezzjonijiet kollha, tant ritwali kemm fil-mertu, li għalihom fuq il-fatti magħrufa hemm lok, għandhom jingħataw <u>mill-ewwel</u> fin-nota tal-eċċezzjonijiet."*

*"Kif ġie ribadit mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "**Anthony Cristina pro et noe vs Eleonora Mizzi"** (App. Ċiv. - deċ. fis-27 ta' Marzu 2003)*[6] *l-artikolu 158 kif ammendat bl-Att XXIV tal-1995 u emendi oħra preċedenti "innewtralizżaw attitudini liberali meħuda f'ġurisprudenza anteċedenti fejn ġie ritenut li l-Qorti hija fid-dover li tieħu konjizzjoni ta' eċċezzjonijiet li jkunu ġew issollevati anke f'noti ta' sottomissjonijiet." (ara ad. es. **"Services Limited v Joseph Zammit**" (App. Ċiv. (Sede Inf. - deċ. fid-19 ta' Jannar 1999).*

*"Indipendentement mill-forma li tintuża biex tiġi ssollevata eċċezzjoni ulterjuri, kif ġie ribadit mill-Qorti ta' l-Appell, fil-każ "**Vincent Camilleri et - vs - Gaetana Aquilina"** (Deċ. fis-16 ta' Marzu 2004**) "**mhux korrett u lanqas ma għandu jiġi permess li, fi stadju inoltrat tal-kawża meta l-istadju tal-provi jkun magħluq u meta din titħalla għas-sottomissjonijiet orali jew biex jiġu preżentati noti tal-osservazzjonijiet, il-kontro-parti tiġi rinfaċċata b'linja difenzjonali ġdida mingħajr ma jiġu osservati r-regoli proċedurali."*

*"Il-Qorti taqbel ma' dan ir-raġunament li jevita sorpriżi li jistgħu jimminaw l-amministrazzjoni retta tal-ġustizzja u għal dawn il-motivi, din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.*

*"**PRESKRIZZJONI***

[6] Kollez Vol. LXXXVII.II.pt.I.pp. 189 et.seq.

*“L-artikolu **47(2)** tal-Kap 372 jgħid hekk: "Salv kif xort’oħra espressament provdut fl-Atti dwar it-Taxxi u salvi b’mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 30(5) u tal-artikolu 31(7), l-azzjoni għall-ħlas tat-taxxa, taxxa addizzjonali, imgħax jew xi penali tista’ tinbeda f’kull żmien mid-data minn meta jsiru dovuti u għandhom jitħallsu sa tmien snin minn dik id-data jew, meta tkun saret stima għar-rigward tagħhom, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konklużiva."*

*“Dan l-artikolu ġie ammendat billi l-perjodu preskrittiv ġie estiż b'effett retroattiv. Difatti insibu fl-artikolu **47(4) li** :*

*"Meta l-azzjoni msemmija fis-subartikoli (2) u (3) ma tkunx ittieħdet fiż-żmien hemm stipulat, u dak iż-żmien jiskadi fil-31 ta’ Diċembru, 2003 jew qabel dik id-data, għaldaqstant, minkejja d-dispozizzjonijiet ta’ dawk is-subartikoli, l-azzjoni għall-ħlas ta’ dik it-taxxa, taxxa addizzjonali, imgħax jew penali tista’ tittieħed sal-31 ta’ Diċembru 2005."*

*“**Applikazzjoni Retroattiva ta' Liġi Fiskali***

*“Bis-saħħa tas-sub-artikolu 47(4) il-leġislatur ittenta jirriattiva d-dritt tal-intimat li jitlob ħlas tat-taxxa, nonostante li ż-żmien ta’ tmien snin konċess ikun ġa` skada.*

*“Minn eżami ta' din il-ġurisprudenza ormai kostanti jirriżulta li l-Qrati tagħna ma baqgħux lura milli huma wkoll jissottolineaw ċerti prinċipji in materja ta’ retroattivita` ta’ liġi fiskali anke peress li l-liġi tagħna ma teskludix espressis verbis, l-applikazzjoni retroattiva ta' liġijiet. (Vide ad.es. “**Cassar Torreggiani v Gatt**" (App. Ċiv. – deċ. fit-12 ta' Mejju 1950 li stabbiliet il-prinċipju tan-non-retroattivita` japplika wkoll għal-liġijiet fiskali).*

*“Minn dak riċerkat il-kwistjoni tidher li qamet fil-kawża bikrija, fl-ismijiet "**Michele Muscat v. L-Onor. Roberto Briffa, Collettore delle Dogane"**, **(**Prim Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fit-12 ta’ April 1919). Fiha ingħad li "di regola ligi promulgate” m’għandhiex ikollha effett ħlief għal quddiem b’mod li ma għandhiex testendi ruħha “ai fatti ga` compiuti e consumati: La legge di regola, quindi, non ha effetto retroattivo ed e` di diritto volgare il broccardo che ‘lex non habet oculus retro." Affermata din ir-regola ġenerali, il-Qorti f'din is-sentenza kompliet “quantunque sia in facolta` del legislatore espressamente dichiarare che la legge debba comprendere nel suo impero anche gli atti, che non fossero ancora compiuti, tuttavia i diritti quesiti sono sempre di giustizia dalla legge rispettati."*

*“L-artikolu 47(4) tal-Kap.372 jagħti effett retroattiv in kwantu il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ingħata s-setgħa li jsegwixxi l-ħlas ta' taxxa fuq stimi ġja preskritti.*

*"Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-każ "**Kummissarju tat-Taxxi Interni v Alfred Caruana**," deċiża fl-10 ta' Jannar 2007,[7] ittrattat b'mod dettaljat ħafna l-effett tas-sub-artikolu u in suċċint osservat li filwaqt li meta jiskadi t-terminu ta' preskrizzjoni, jintilef id-dritt tal-azzjoni, iżda mhux ukoll id-dritt innifsu (tant li ħlas ta' kreditu estint jitqies bħala ħlas in ottemperanza ta' obbligazzjoni naturali), dak id-dritt ma jistax jerġa' jitqies eżegwibbli b'att unilaterali tal-kreditur. Din il-Qorti tara li ċ-ċirkostanzi ta' dik il-kawża għandhom xebh ma' dawk ta' din il-kawża.*

*"Il-prinċipji enunzjati fil-każ ta' Caruana ġew abbraċċjati minn din il-Qorti kif diversament presjeduta u mill-Qorti ta' l-Appell fi skorta ta' ġurisprudenza ormai kostanti. Fil-każ fl-ismijiet "**Emanuel Zammit v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**" deċiża fil-5 ta' Marzu 2007, il-Qorti ta' l-Appell qalet "Din il-Qorti taqbel ma' din il-pozizzjoni. Tara li jkun kontra kull prinċipju ta' bona fede u raġjonevolizza jekk, għat-traskuraġni tad-dipartiment governattiv, għandu jagħmel tajjeb it-tax payer u dan billi, bi strapp leġislattiv, dan jitqiegħed f'pożizzjoni li jkollu jħallas taxxa snin twal wara li l-istess ikun dovut. Il-prinċipju għandu jkun li t-taxxa għandha tintalab fi żmien raġjonevoli (ara **Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Cachia**, deċiża minn din il-Qorti fis-16 ta' Mejju 2003), u darba dan iż-żmien ġie stabbilit għal tmien snin, mhux leċitu li dan jiġi estiż unilateralment u a skapitu ta' min ikun ġie "illiberat" mill-constraints tal-ħlas."*

*"Dan l-insenjament ġie segwit mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawżi fl-ismijiet "**Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Frank Fenech Camilleri noe"** deċiża fid-19 ta' Frar 2008 u "**Anthony Frendo bħala eredi ta' Michael Frendo v Kummissarju tat-Taxxi Interni"** - Deċ. fit-30 ta' Lulju 2010 (Appell Ċivili Numru. 1205/2005/1).*

*"Fil-każ ta' **Anthony Frendo** fuq ċitat, il-Qorti ta' l-Appell esprimiet ruħha hekk: "Din il-Qorti taqbel ma' dak kollu msemmi fil-kawża tal-"**Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana**". Il-prinċipju tal-preskrizzjoni kien ġie mdaħħal fil-liġi minħabba li mhux sewwa li affarijiet jibqgħu indeterminati għal żmien twil. Huwa ġust li wara t-trapass ta' ċertu żmien dipendenti miċ-ċirkostanzi li għalihom huwa riferibbli l-każ il-kwistjoni tiġi magħluqa b'mod definittiv. Dan jassumi iktar importanza fejn wieħed ikun obbligat li biex jipprova dak li qal ikollu jipproduċi dokumenti u mhux sewwa li wara li jkun għadda l-perjodu preskrittiv il-leġislatur f'oġġetti ta' natura fiskali jdaħħal dispożizzjonijiet retroattivi għall-fatti li rriżultaw preċedentement taħt kif kienet il-liġi dak iż-żmien. Kull sistema ġuridika għandha jkollha ċertezza tal-prinċipji legali u r-retroattivita` hija element eċċezzjonali. Ara f'dan ir-rigward **Kolpinghuis Nijmegen B.V.** (Kaz nru. 80/86) deċiża mill-Qorti Ewropea fit-8 ta' Ottubru 1987 (paragrafu 13)."*

*"Fuq l-iskorta ta' dawn is-sentenzi, il-Qorti ta' l-Appell qalet li "din il-Qorti ġia` osservat li l-"estenzjoni" għat-terminu ta' preskrizzjoni introdott*

[7] Il-kawża ċitata ġiet ritrattata fl-istadju ta' l-appell fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, liema talba ġiet miċħuda b'sentenza tal-31 ta' Mejju 2011.

*b'dak is-subartikolu (47(4) m'għandux jitqies li jista' jagħti żmien ulterjuri lill-Kummissarju meta ż-żmien ikun ġia` skada." Difatti fil-każ imsemmi ta'* ***Fenech Camilleri*** *l-Qorti ta' l-Appell osservat li "l-prinċipju għandu jkun li t-taxxa għandha tintalab fi żmien raġjonevoli, liema żmien ġie` stabbilit bil-liġi għal tmien snin. Dan it-terminu jibda jgħaddi minn meta t-taxxa ssir dovuta (jiġifieri wara li tgħaddi s-sena ta' stima relattiva) jew, meta tkun saret stima għar-rigward, mid-data meta dik l-istima ssir finali u konklussiva."*

*"Madanakollu tajjeb li jiġi sottolinejat li l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-każ ta' Alfred Caruana ssottolinejat iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u eżaminat ir-raġjonevolezza o meno tal-applikazzjoni retroattiva tas-subartikolu 47(4). Sabet li "f'dan il-każ partikolari, u l-Qorti tagħmel debita enfasi fuq dan, ma kellux ikollu applikabbilta` d-dispost tas-subinċiż (2) tal-istess artikolu. Għalkemm ċertament, il-Qorti tapprezza li l-ingranaġġ amministrattiv ta' dipartimenti kbar, bħal ma hu dak tat-Taxxi Interni, mhux dejjem jaħdem b'mod mgħaġġel, min-naħa l-oħra, hi tal-ferma konvinzjoni li fi stat ta' dritt il-leġislazzjoni ma għandhiex issir biex, temporanjament tkopri d-defiċjenzi li jkunu jeżistu u biex, bħal f'dan il-każ tinnewtralizza "***quanto fosse posto in essere a norma di legge****" (****Kollez. Vol. XXIV pII p16),*** *daqskemm biex tittutela aħjar r-relazzjonijiet tal-partijiet involuti. Minn dak li rriżultalha, ma jistax raġjonevolment żgur jingħad li l-aġġunta fil-ligi bl-Att II tal-2004 hi, f'dan il-każ, predisposta u voluta fl-interess tal-appellanti* ***taxpayer*** *imma għall-ħarsien riġidu u esklussiv tal-****fisco****."*

***"Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Provi attwali.***

*"Kif jgħid* ***L-Avukat Robert Attard,*** *fil-ktieb tiegħu "An Introduction to Income Tax Theory" (Ediz. 2005) jgħid, f'paġna 265, li: "The Commissioner's right to raise assessments is generally subject to time-bars. The general rule is that an assessment made in terms of Article 30…may be raised within eight years after the relative year of assesement."*

***"Interruzzjoni u Sospensjoni tal-Perjodu Preskrittiv.***

*"Il-perjodu preskrittiv jista' jitwaqqaf skont dak provvdut fl-artikolu* ***47(3)*** *li jgħid: "Iż-żmien imsemmi fis-subartikolu (2) jitwaqqaf b'talba għal ħlas notifikata permezz tal-posta reġistrata mill-Kummissarju jew b'att ġudizzjarju preżentat mill-Kummissarju qabel ma jiskadi dak iż-żmien li fihom jintalab il-ħlas tal-ammont dovut." Filwaqt li n-notifika[8] hija meħtieġa għas-sejħa mibgħuta bil-posta reġistrata, il-preżentata tal-ittra ġudizzjarja hija biżżejjed biex tinterrompi l-preskrizzjoni.*

*"Il-każ odjern ikopri s-Snin ta' Stima 1975 sa 1989 u 1997. Il-Qorti ser tikkonsidrahom fid-dawl tal-provi prodotti. Huwa utili li l-Qorti taqsam is-*

[8] Regolata bl-artikou 29 tal-Kap 372 li jdahhal presunzjoni *juris tantum* ta' notifika.

*snin fi gruppi ai fini tal-apprezzament tal-provi fid-dawl tal-prinċipji enunzjati.*

*"i. **Y/A 1975 - 1978** : Riferibbilment għall-ammonti mitluba għal Y/A bejn 1975 sa' 1978, l-intimat jistrieħ unikament fuq l-applikazzjoni tal-artikolu 47(4) biex isostni l-esiġibbilta` tagħhom. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti tqis li ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni għad-dewmien esaġerat li ha l-fisco biex jagħmel l-istimi in kwistjoni u għandhom għalhekk jitqiesu li huma preskritti.*

*"ii. **Y/A 1979 – 1988** : Riferibbilment għal Y/A 1979 sa 1988 l-intimat jgħid li dawn mhumiex preskritti peress li r-rikorrent kien oġġezzjona għalihom u r-refusal inħareġ mid-Dipartiment fit-30 ta' Ottubru 2001 (Dok LM2).*

*"Din il-Qorti fil-każ "**Anthony Frendo v KTI"** (fuq ċitat), kienet osservat li "il-fatt li tax payer ma jressaqx il-prospett tiegħu, ma jfissirx li l-Kummissarju hu eżenti milli joħroġ stima, jew li hu jista' joqgħod jistenna sakemm it-tax payer jikkomforma ruħu mal-liġi. Il-Kummissarju għandu l-poter li joħroġ stima meta jqis li t-tax payer hu dovut li jħallas taxxa, u l-limitu ta' tmien snin hu preċiżament maħsub biex jagħti żmien biżżejjed lill-Kummissarju joħroġ 'best of judgment assessment' jekk jara li t-tax payer in kwistjoni jkun naqas milli jippreżenta l-prospett kif trid il-liżi."*

*"Jirrizulta minn **Dok LM2** li ma ġewx preżentati prospetti tat-taxxa għas-Snin ta' Stima 1979 - 1984 u lanqas għas-snin ta' Stima 1985 - 1988 u t-taxxa nħadmet fuq bażi ta' Prospett mhux Mibgħut. Skont kif ingħad mill-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-intimat bagħat ittra uffiċjali fis-6 ta' Settembru 1990 rigward it-taxxa dovuta għas-snin 1974 sa 1987.*

*"Inoltre skont Dok **LM2** fit-22 ta' Ottubru 1984 marru r-Revenue Security Corps fir-residenza tar-rikorrent fejn infurmaw lil martu biex jmur l-uffiċċju u b'żewġ avviżi tal-25 ta' Settembu 1986 u 18 ta' Settembru 1987 talbuh iġib il- prospett għas-Snin ta' Stima 1985 u 1986.*

*"Iżda hu manifest li dawn l-avviżi verbali u anke sempliċi sejħa lill-taxpayer biex jiġi sad-Dipartiment ma jservux biex jinterrompu l-preskrizzjoni skont l-artikolu 47(3).*

*"Bil-mankanza tal-prova tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Settembru 1990 hija nieqsa l-prova madre dwar l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni almenu in kwantu din kienet teffettwa s-snin ta' Stima 1979 sa 1982 (kif ser jingħad 'il quddiem). Huwa minnu li ġiet esebita mill-intimat ittra ta' oġġezzjoni datata l-24 ta' Settembru 1990 (KT2) riferibbilment għas-snin 1974 - 1988 iżda l-Qorti ċertament ma tistax tiddeduċi minn din ir-risposta, il-kontenut tal-ittra uffiċjali b'mod preċiż b'mod li tista' tikkonkludi li din kienet ittra maħsuba ai fini tal-artikolu 47 (3).*

*"Huwa minnu li r-rikorrent irreġistra oġġezzjoni u anke talab riduzzjoni tat-taxxa komputata iżda l-perjodu preskrittiv kien ġja għadda fir-rigward tas-snin antecedenti, senjatament għal Y/A 1979 - 1982 meta l-intimat għamel l-oġġezzjoni u proposta tiegħu.*

*"Hu raġjonevoli li ċittadin, meta jkun rinfaċċjat bis-saħħa tal-istat, jipprova jikkoopera ma' dak li jkun mitlub. B'dan ma jfissirx li jkun qed jirrinunzja għad-dritt tiegħu li jinvoka l-preskrizzjoni, liema rinunzja, fuq skorta ta' ġurisprudenza nostrali, għandha tkun univoka. "Rinunzja espressa għad-dritt hemm bżonn li tirriżulta minn espressjonijiet ċari u univoċi ……..."* ***(Vol. XXXIV p. 11 p. 646)****. "Rinunzji taċita ta' drittijiet ma jistgħux jiġu desunti ħlief minn ċirkostanzi tali li jippresupponu b'mod ċar u uniku l-abbandun tad-dritt" – "****Carmelo Galea vs Dottor Albert Camilleri noe****", (App. Ċiv. – deċ. fit-18 ta' Marzu 1977). Inoltre proposta għar-riduzzjoni ma tikkomminax f'rinunzja għall-preskrizzjoni jekk tali proposta qed issir in via ta' transazzjoni.*

*"Fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, ma jiswiex għall-intimat li jistrieħ fuq l-ittra ta' rifjut tat-30 ta' Ottubru 2001 għaliex din tippresumi l-ewwel nett il-prova tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, liema prova ma ġietx prodotta.*

*"Iżda l-każ hu differenti fir-rigward tas-Snin ta' Stima 1982 sa 1990 in kwantu li l-oġġezzjoni tressqet waqt li l-perjodu preskrittiv ta' 8 snin kien għadu għaddej (bl-ittra tal-24 ta' Settembru 1990) (****DOK KT2****).*

*"Kif ġie ribadit mill-Qorti ta' l-Appell fil-każ imsemmi* ***"Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Fenech Camilleri et"****, dwar l-effett interruttiv tal-preskrizzjoni meta jsiru oġġezzjonijiet: "Din il-Qorti tara li meta ssir stima u ssir oġġezzjoni, dik l-oġġezzjoni għandha sservi bħala interruzzjoni tal-preskrizzjoni, b'mod li d-dipartiment ikollu tmien snin, mid-data tal-oġġezzjoni, biex jikkunsidraha, jiddeċiedi fuq x'pożizzjoni se jieħu, u joħroġ stima ġdida/riveduta. Jekk il-każ jitressaq quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali, it-terminu jkun sospiż tul iż-żmien il-każ ikun qed jinstema' quddiem dak il-Bord u l-Qorti tal-Appell jekk ikun il-każ. B'dan il-mod tkun qed issir ġustizzja mat-taxpayer u jiġi rispettat fl-ispirtu tiegħu s-subartikolu (2) tal-Artikolu 47 aktar qabel imsemmi."*

*"L-intimat għalhekk għandu raġun meta jgħid li t-tmien snin jibdew jiddekorru mid-data tar-rifjut tal-oġġezzjoni (30 ta' Ottubru 2001) u għahekk ma jistax jingħad li t-talba għal ħlas tas-somma għas-Snin ta' Stima 1982/1990 hija preskritta, u dan peress li l-Kummissarju ma jistax jipproċedi għall-ġbir meta s-somma dovuta tkun għadha taħt oġġezzjoni.*

*"iii.* ***Y/A 1991 - 1996*** *- Jirriżulta mill-prospett* ***DOK LM*** *(fol. 29) li ma hemmx taxxa dovuta.*

*"iv.* ***Y/A 1997*** *- L-ittra uffiċjali mertu ta' din il-kawża mhix esebita iżda mir-rikors odjern jirriżulta li l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Ottubru 2004 tinkludi*

> *stima għal din is-sena ta' Stima. Għalhekk il-perjodu preskrittiv kien għadu għaddej meta ġiet ippreżentata din l-ittra ufficjali u t-talba tal-intimat m'għandhiex titqies preskritta.*
>
> *"Da parti tar-rikorrent ma ressaqx provi biex jissostanzja t-teżi tiegħu li ma kien dovut li jħallas xejn iżjed lill-intimat. Ir-rikorrent jidher li ppernja l-każ tiegħu biss fuq il-kwistjoni ta' preskrizzjoni u anke esebixxa in atti kopja tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-każ imsemmi "**Kummissarju tat-Taxxi Interni v Alfred Caruana**". (Fol. 52 et. seq.).*
>
> *"Fid-dawl tan-nuqqas tal-provi prodotti, l-ammonti stmati għas-Snin ta' Stima 1982 sa 1990 u 1997 huma dovuti filwaqt li l-ammonti stmati ta' taxxa għas-Snin ta' Stima 1975 sa 1981 huma preskritti. L-istimi għas-Snin ta' Stima 1991 sa 1996 huma nil assessments u għalhekk ma hemm xejn dovut fuq dawn l-istimi."*;

5. Fis-smigħ tad-9 ta' Ottubru, 2018, l-avukati tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx sottomissjonijiet xi jżidu ma' dawk li kienu diġà jinsabu fl-atti u qalu li l-kawża setgħet titħalla għas-sentenza;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

7. Illi l-aggravju waħdieni tal-eżekutat appellant mis-sentenza appellata jikkonsisti mill-fatt li huwa jqis li, bir-raġunament magħmul mill-ewwel Qorti, iddaħħal kunċett ġdid fl-istitut tal-preskrizzjoni fejn jidħol il-qasam fiskali, u jiġifieri li meta jkun hemm tilwima pendenti fis-sura ta' oġġezzjoni min-naħa ta' min jintalab iħallas it-taxxa, iż-żmien tal-preskrizzjoni maħsub mil-liġi jkun wieqaf sakemm dik il-kwestjoni tinħall. L-appellant iqis li din l-interpretazzjoni mogħtija mill-ewwel Qorti tagħti lid-

Direttur appellat l-okkażjoni li joħloq ċirkostanza li żżomm iż-żmien tal-preskrizzjoni milli jgħaddi favur it-*tax-payer* billi joħroġ stima ta' taxxa dovuta li, malli titqajjem oġġezzjoni dwarha, dak iż-żmien preskrittiv jieqaf jgħaddi. Jgħid li din it-tifsira mogħtija mill-ewwel Qorti ma taqbilx ma' dak li tgħid il-liġi, li tgħid li l-preskrizzjoni tista' titwaqqaf biss jew b'sempliċi talba tad-Direttur jew b'sejħa b'att ġudizzjarju;

8. Illi, min-naħa tiegħu fit-Tweġiba għar-Rikors tal-Appell, id-Direttur appellat jgħid li l-aggravju tal-appellant ma huwiex mistħoqq bl-ebda mod u dan għaliex huwa la wera li tassew ħallas it-taxxa kollha li kellu jħallas u lanqas ma kien minnu li xi somma ta' ħlas ta' taxxa mitluba mid-Direttur kienet waqgħet bil-preskrizzjoni;

9. Min-naħa l-oħra, fl-appell inċidentali tiegħu, id-Direttur appellat ifisser l-aggravji tiegħu fuq żewġ livelli: fl-ewwel lok, iħossu aggravat biċ-ċaħda min-naħa tal-ewwel Qorti tal-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu dwar ir-ritwalità tal-proċedura mnedija mir-rikorrent appellant; sussidjarjament, iħossu aggravat minn dik il-parti tas-sentenza appellata li sabet li għal uħud mis-snin li dwarhom l-appellant intalab iħallas it-taxxa l-ewwel Qorti sabet li dik it-talba waqgħet bil-preskrizzjoni u kif ukoll minn dik il-parti tas-sentenza appellata li ordnatlu jħallas parti mill-ispejjeż tal-kawża;

10. Il-Qorti jidhrilha li għandha qabel kull ħaġ'oħra tistħarreġ u tqis **l-ewwel aggravju tad-Direttur fl-appell inċidentali** tiegħu dwar iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu;

11. Il-Qorti tirrileva li l-imsemmija "eċċezzjoni ulterjuri" tqajmet l-ewwel darba fin-Nota ta' Sottomissjonijiet[9] imressqa minnu żmien sew wara li l-istadju tal-ġbir tal-provi fil-kawża kien ingħalaq quddiem l-ewwel Qorti. Bis-saħħa ta' dik is-sottomissjoni, id-Direttur qal li l-proċedura mnedija mir-rikorrent bil-meżż ta' rikors għall-finijiet tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kienet ħażina u ma tgħoddx għall-każ, ladarba l-ittra uffiċjali attakkata kienet inħarġet għall-finijiet tal-artikolu 40 tal-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kapitolu 372) li titkellem dwar att ġudizzjarju li jirrendi eżegwibbli titolu li jkun diġà sar eżekuttiv. Id-Direttur fl-ebda waqt ma talab b'rikors li jitħalla jressaq formalment l-imsemmija 'eċċezzjoni';

12. Id-Direttur jgħid li l-ewwel Qorti ma qisitx kif imiss id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 728 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u kien għal kollox ġustifikat li jressaq tali eċċezzjoni mqar fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu u l-ewwel Qorti ma setgħetx ma tagħtix każ tagħha. Huwa jgħid li, f'kull każ, l-ewwel Qorti kellha teżamina l-qafas

---

[9] § 8 tan-Nota f'paġ. 92 tal-proċess

legali li huwa l-bażi tal-azzjoni rikorrenti u fejn il-liġi ma tagħtix dak mitlub mir-rikorrent, ma setgħetx tilqa' talbiet li saru f'att li ma jiswiex;

13. L-ewwel Qorti wettqet stħarriġ mirqum dwar kif għandhom isiru u jitressqu eċċezzjonijiet li ma jkunux tressqu mat-tweġiba oriġinali. Din il-Qorti taqbel għal kollox ma' dawk il-kunsiderazzjonijiet. Taqbel ukoll mal-fatt li, meta nfetħet din il-kawża, dik ir-regola kienet tgħodd kemm jekk il-kawża nbdiet b'Ċitazzjoni u wkoll kieku nbdiet b'Rikors mhux maħluf. Iżżid tgħid li bħala regola, l-liġi[10] trid li kull eċċezzjoni oħra li ma tkunx tqajmet fit-tweġiba oriġinali tista' titħalla titressaq biss jekk kemm-il darba l-parti mħarrka tkun talbet il-permess tal-qorti b'rikors biex titħalla tressaqha. Madankollu, hija l-liġi wkoll[11] li tgħid li dik ir-regola ma tgħoddx fil-każ ta' dawk l-eċċezzjonijiet li b'dispożizzjoni espressa tal-liġi jistgħu jitqajmu f'kull waqt tal-kawża jew li jinqalgħu waqt is-smigħ tal-kawża. F'dan ir-rigward, il-fehma tal-Qrati tagħna mhux dejjem kienet l-istess. Għalhekk, kien hemm drabi fejn in-nuqqas ta' tressiq ta' eċċezzjoni ulterjuri (ukoll waħda perentorja tal-ġudizzju) bla ma ntalab permess b'rikors kien meqjus li jġib in-nullità tal-istess eċċezzjoni[12]; filwaqt li kien hemm każijiet oħrajn fejn il-formalità tar-rikors ma tqisitx meħtieġa meta wieħed jeżamina n-natura tal-eċċezzjoni li tkun[13];

[10] Art. 728(2) tal-Kap 12
[11] Art. 731 tal-Kap 12 u ara App. Inf PS **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Gayle Scerri vs Eric Borġ et***
[12] P.A. RCP **17.4.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Philip Gauċi et vs Alan Xuereb et***
[13] P.A. **26.1.2001 f**il-kawża fl-ismijiet ***Herbert Mifsud vs Edward Lentini***

14. Illi l-Qorti hija tal-fehma li, fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 731 tal-Kapitolu 12, l-istħarriġ tal-qorti jrid ikun limitat biex jistabilixxi jekk tabilħaqq eċċezzjoni bħal dik hijiex ta' sura perentorja[14] u tgħaddi biex tittrattaha ukoll jekk din titqajjem wara li l-kawża tkun tħalliet għas-sentenza[15]. Jekk ma tkunx xi waħda minn dawk l-eċċezzjonijiet, ikun meħtiġ li biex titressaq eċċezzjoni ulterjuri, jkun irid jingħata l-permess tal-Qorti wara li ssir talba għal daqshekk b'rikors;

15. Illi jrid jingħd li l-eċċezzjoni tan-nullità tal-atti ġudizzjarji mhux waħda li tabilfors taqa' fil-kategorija ta' eċċezzjonijiet li jitkellem dwarhom l-imsemmi artikolu 731. Jidher ċar li n-nullità li dwarha d-Direttur ried iqajjem l-eċċezzjoni ulterjuri kienet waħda li tirrigwarda n-nullità tal-att promotur minħabba ksur tal-forma meħtieġa. Din is-sura ta' nullità taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(ċ) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Issa l-artikolu 789(2) jgħid espressament li "*L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt is-subartikolu (1)(ċ), ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu isiru atti oħra wara, mingħajr ma teċepixxi dik in-nullit*à";

16. Mill-atti joħroġ ċar li d-Direttur mhux biss ma qajjimx din l-eċċezzjoni mal-ewwel att ġudizzjarju li ressaq f'din il-kawża *in limine litis*,

---

[14] App. Ċiv. **16.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Sunspot Tours Ltd vs C.H. Caterers Ltd***
[15] App. Ċiv. **25.10.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Lia et vs Alan Gatt et***

iżda baqa' jressaq provi w atti ġudizzjarji oħrajn b'mod li kien biss f'att ta' Nota ta' Sottomissjonijiet tal-għeluq li, għall-ewwel darba, ittanta jqajjem il-kwestjoni tas-siwi tal-att promotur li bih ir-rikorrent appellant fetaħ din il-kawża;

17. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti ssib li għamlet sewwa l-ewwel Qorti li ma qisitx l-imsemmija 'eċċezzjoni ulterjuri' u dan l-aggravju tal-appell inċidentali tad-Direttur mhuwiex mistħoqq u għalhekk mhux sejjer jintlaqa';

18. Il-Qorti sejra issa tqis l-**aggravju tal-appellant** u t-**tieni aggravju tal-appell inċidentali** li t-tnejn li huma jitkellmu dwar l-aspett tal-preskrizzjoni tal-pretensjonijiet tad-Direttur appellat. Bħalma ngħad qabel, l-ewwel Qorti sabet li t-talbiet tad-Direttur fil-konfront tar-rikorrent appellant dwar it-taxxa minnu mitluba mingħand l-appellant għal uħud mis-Snin ta' Stima msemmija fl-ittra uffiċjali li wasslet għal din il-kawża, waqgħu bil-preskrizzjoni tat-tmien snin. L-appellant jgħid li l-ewwel Qorti messha sabet li għadda ż-żmien preskrittiv dwar uħud oħrajn mis-Snin ta' Stima, b'mod partikolari dwar dawk is-snin li dwarhom huwa kien qajjem oġġezzjoni. Min-naħa tiegħu, id-Direttur appellat, fl-appell inċidentali tiegħu, jisħaq li t-tmien snin li ssemmi l-liġi jintgħaddu mhux biss minn meta t-taxxa tkun dovuta, imma wkoll minn dakinhar li stima li tkun saret

dwarhom issir finali u konklussiva[16]. Huwa jżid jgħid li, b'rabta ma' dak li jipprovdi l-artikolu 38 tal-istess Att, fejn it-*tax payer* ikun ressaq oġġezzjoni għal xi stima, tali stima ssir finali u konklussiva biss meta tkun ġiet deċiża dik l-oġġezzjoni;

19. Fl-appell inċidentali tiegħu, id-Direttur jargumenta li wieħed irid jagħraf bejn il-fażi tal-eżerċizzju tal-*assessment* u l-fażi tal-ġbir tat-taxxa[17]. Huwa jisħaq li l-artikolu 30(4) tal-Kap 372 jagħtih żmien ta' tmien snin mill-għeluq ta' Sena ta' Stima partikolari biex joħroġ stima u mbagħad ikollu tmien snin oħra – taħt l-artikolu 47(2) tal-istess Att – biex imexxi ħalli jiġbor it-taxxa relattiva għal tali stima. Minħabba f'hekk, huwa jgħid li l-ebda parti mill-ammonti mitluba minnu mingħand ir-rikorrent appellant ma kienet waqgħet bil-preskrizzjoni;

20. Il-Qorti tagħmilha ċara mill-bidu li ma taqbilx mad-Direttur safejn jargumenta li t-tressiq ta' oġġezzjoni min-naħa tat-*tax payer* għal xi stima maħruġa minnu twaqqaf jew tissospendi ż-żmien tal-preskrizzjoni sakemm tingħata deċiżjoni dwar l-oġġezzjoni li tkun. Din il-Qorti diġà fissret ruħha f'dan is-sens fir-rigward tat-tifsira li trid tingħata lill-artikolu 47(2) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta meta qalet li, kemm meta tittella' stima ġdida mid-Direttur (qabel ma jkun għalaq iż-żmien tat-tmien snin) u kif ukoll meta titqajjem oġġezzjoni mit-*tax payer* għal xi stima hekk

[16] Ara art. 47(2) tal-Kap 372
[17] § 36 tar-Rikors tal-Appell tiegħu f'paġ. 126 tal-proċess

maħruġa mid-Direttur, iseħħ ksur tal-imsemmi żmien preskrittiv u mhux is-sospensjoni tiegħu sakemm tinħareġ l-istima aħħarija jew sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-oġġezzjoni[18]. Ikun hemm sospensjoni biss jekk kemm-il darba l-każ tal-oġġezzjoni jitressaq quddiem il-Bord ta' Kummissarji Speċjali jew quddiem il-Qrati;

21. Għalhekk, ladarba jseħħ biss ksur taż-żmien preskrittiv, iż-żmien jerġa' jibda għaddej[19]; filwaqt li kieku ż-żmien ikun sospiż, iż-żmien jitwqqaf sakemm tintemm ir-raġuni tas-sospensjoni[20]. Jidher li d-Direttur jonqos li jagħraf bejn il-waħda u l-oħra meta jressaq l-aggravju tiegħu fl-appell inċidentali tiegħu u jqis li, bil-fatt li tkun tqajmet oġġezzjoni, iż-żmien preskrittiv ta' tmien snin maħsub fl-artikolu 47(2) ma jerġax jibda miexi jekk mhux malli ssir stima ġdida jew meta tittieħed deċiżjoni mod ieħor fuq l-oġġezzjoni. Din il-fehma ma taqbilx la mal-ispirtu tal-liġi u lanqas mat-tħaddim xieraq tagħha. Ladarba jseħħ ksur taż-żmien preskrittiv, id-Direttur irid jinqeda b'wieħed mill-meżżi maħsuba mil-liġi biex iġib il-ksur taż-żmien mill-ġdid u li jagħmel dan qabel ma jkun għalaq iż-żmien preskrittiv, kif jitlob l-artikolu 47(3) tal-istess Att;

[18] Ara App. Ċiv. **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Frank Fenech Camlleri pro et noe.***; u App. Ċiv. **30.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Frendo vs Kummissarju tat-Taxxi Interni***
[19] Art. 2136(2) tal-Kap 16
[20] Art. 2126 tal-Kap 16

22. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taqbel mal-kunsiderazzjonijiet ta' dritt magħmulin mill-ewwel Qorti dwar it-tifsira u t-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 47 tal-Kapitolu 372. Minħabba f'hekk, din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tad-Direttur li ż-żmien imsemmi fl-artikolu 30(4) tal-Att u dak maħsub fl-artikolu 47(2) huma kumulattivi, b'mod li l-preskrizzjoni tiġi titla' b'kollox għal sittax-il (16) sena mill-għeluq tas-Sena ta' Stima li tkun. Dan qiegħed jingħad għaliex xi dispożizzjonijiet oħrajn tal-artikolu 30 jagħtu lid-Direttur diskrezzjoni li jinjora tali żmien u li jagħżel li joħroġ stima f'kull żmien li jkun wara li jkun għadda dak iż-żmien. Il-liġi ma tagħtix li jkun hemm żmien preskrittiv li jiġġedded b'rieda tal-kreditur jew fid-diskrezzjoni waħdanija tiegħu. Min-naħa l-oħra, iż-żmien maħsub fl-artikolu 47(2) huwa żmien preskrittiv tal-azzjoni għall-ġbir tat-taxxa pretiża, u kemm hu hekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 47(3) jitkellmu ċar dwar kif għandu jinkiser tali żmien min-naħa tad-Diretur biex ma jintilifx il-jedd ta' azzjoni għall-ġbir tat-taxxa pretiża;

23. L-ewwel Qorti wettqet eżerċizzju sistematiku ta' stħarriġ tal-pretensjonijiet tad-Diretur dwar it-taxxa li huwa jippretendi li r-rikorrenti appellant kellu jħallsu billi qieset is-Snin ta' Stima li dwarhom intalab il-ħlas. Mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-ewwel interpellazzjoni b'att ġudizzjarju saret fis-6 ta' Settembru, 1990[21], li l-appellant laqa' n-notifika tagħha ġimgħa wara. Dik l-interpellazzjoni kienet tirrigwarda s-Snin ta' Stima

[21] Dok "KT1", f'paġġ. 130 – 1 tal-proċess

mill-1974 u l-1988. Fil-11 ta' Lulju, 1991[22], id-Direttur bagħat ittra uffiċjali oħra b'talba għall-ħlas għas-Snin ta' Stima 1974 (riveduta) u l-1975 sal-1988, li l-appellant laqa' n-notifika tagħha fis-16 ta' Lulju, 1991. Wara dak, inħareġ Mandat ta' Sekwestru eżekuttiv fl-10 ta' Diċembru, 1992[23], relattiv għall-istess Snin ta' Stima li jissemmew fl-ittra uffiċjali ta' Lulju tas-sena ta' qabel u li l-appellant laqa' n-notifika tiegħu ħamest ijiem wara u baqa' jiġi prorogat sal-1999 (meta l-liġi nbidlet u dan ma kienx meħtieġ aktar li jsir). Qabel ma nħarġet l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Ottubru, 2004[24], li hija l-mertu ta' din il-proċedura, ma nweriex li ntbagħat jew inħareġ xi att ġudizzjarju ieħor kontra r-rikorrent appellant dwar ħlas ta' taxxa;

24. Mill-atti tal-kawża joħroġ ukoll li, għar-rigward tas-Sena ta' Stima 1989, ma nħareġ l-ebda att ġudizzjarju qabel l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Ottubru, 2004, mertu ta' din il-kawża. Dik is-Sena ta' Stima lanqas biss tissemma fid-dokument maħruġ mill-Kummissarju fit-30 ta' Ottubru, 2001[25];

25. Il-Qorti tqis li mill-imsemmija kostatazzjonijiet fattwali li joħorġu mill-atti tal-kawża, u bit-tħaddim tal-prinċipji fuq imsemmija u fid-dawl tad-dispożizzjonijiet relattivi tal-liġi fir-rigward, it-**tieni aggravju tad-Direttur**

[22] Dok KT3", f'paġġ. 63 – 4 tal-proċess
[23] Dok "KT4", f'paġġ. 65 – 8 tal-proċess
[24] Kopja tagħha tressqet l-ewwel darba fl-atti ta' din il-kawża mar-Risposta tal-Appell tad-Diretur appellat f'paġġ. 132 – 4 tal-proċess
[25] Dok "LM2", f'paġġ. 11 – 3 tal-proċess

intimat fl-appell inċidentali tiegħu ma jirriżultax mistħoqq. F'dan l-aggravju, huwa jirreferi għal dawk is-Snin ta' Stima li dwarhom l-ewwel Qorti sabet li l-azzjoni waqgħet bil-preskrizzjoni. Jekk wieħed iqis li s-Snin ta' Stima bejn 1979 u l-1981 kienu snin li matulhom ir-rikorrent appellant ma kienx bagħat id-dikjarazzjoni tad-dħul (u għalhekk ma seta' kien hemm l-ebda oġġezzjoni min-naħa tiegħu) u l-fatt li l-ewwel interpellazzjoni uffiċjali dwarhom jidher li saret f'Settembru tal-1990, għandu jkun ċar li sa ma ntbagħtet dik l-ittra uffiċjali ż-żmien tal-preskrizzjoni maħsub fl-artikolu 47(2) tal-Kapitolu 372 kien laħaq għalaq. Att ġudizzjarju jista' jikser żmien ta' preskrizzjoni biss jekk jinħareġ qabel maż-żmien jagħlaq. Il-fatt li tressqu atti ġudizzjarji wara li għaddew it-tmien (8) snin maħsuba fl-artikolu 30(4) tal-istess Att ma jservix biex jerġa' jġib fil-ħajja żmien li kien għalaq bil-preskrizzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, lanqas il-fatt li r-rikorrent appellant oġġezzjona għall-istejjem li setgħu nħarġu fl-1990 ma jissarraf f'rinunzja għaż-żmien preskrittiv li kien għalaq favurih żmien qabel dwar dawk is-snin. Dak li jgħodd għas-Snin ta' Stima 1979 sal-1981, jgħodd b'aktar saħħa għas-Snin ta' Stima bejn l-1975 u l-1978;

26. B'żieda ma' dan, għar-rigward tas-Sena ta' Stima 1989, hawnhekk ukoll jidher li ma kien hemm l-ebda att ġudizzjarju – qabel l-ittra uffiċjali mertu ta' din il-kawża maħruġa f'Ottubru tal-2004 – li bih seta' nkiser iż-żmien ta' preskrizzjoni li kien għaddej favur ir-rikorrent appellant.

Għalhekk, għall-istess raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti ssib li l-pretensjonijiet tad-Direttur appellat fl-imsemmija ittra uffiċjali waqgħu bil-preskrizzjoni wkoll u f'dan ir-rigward is-sentenza appellata għandha tkun riformata;

27. Għal dak li jirrigwarda **l-aggravju tar-rikorrent** appellant, u salv dak li ngħad aktar qabel, din il-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti daħħlet xi kunċet ġdid b'dak li ikkunsidrat fis-sentenza appellata. Dak li l-ewwel Qorti qalet fuq l-effetti ta' oġġezzjoni min-naħa ta' *tax payer* fuq il-mixi tal-preskrizzjoni kien diġà ngħad f'sentenzi oħrajn ta' dawn il-Qrati. Lil hinn minn dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-aggravju tal-appellant jaqa' għall-istess raġunijiet li din il-Qorti waslet għalihom biex ċaħdet it-tieni aggravju tal-appell inċidentali. Il-preskrizzjoni tas-Snin ta' Stima mill-1982 sal-1988 inkisret minħabba l-atti ġudizzjarji li laħqu ntbagħtu lill-appellant qabel l-għeluq taż-żmien imsemmi fl-artikolu 47(2) tal-Kapitolu 372 u mhux, kif jallega hu li fehmet l-ewwel Qorti, minħabba l-oġġezzjonijiet pendenti li seta' kien ressaq dwar l-istejjem ta' dawk is-snin. Bl-istess mod, il-preskrizzjoni tat-talba rigward is-Sena ta' Stima 1997 nkisret bl-ittra uffiċjali mertu ta' din il-kawża li bla ebda dubju tressqet sew matul iż-żmien maħsub fl-imsemmi artikolu 47(2);

28. Il-Qorti hija tal-fehma li l-fatt li ma jidhirx li ntbagħtet l-ebda ittra uffiċjali oħra bejn Lulju tal-1991 u dik ta' Ottubru tal-2004 lanqas ma jgħin

l-aggravju tal-appellant. F'Diċembru tal-1992, id-Direttur talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru li baqa' jkun prorogat sal-1999. Huwa magħruf li Mandat huwa att interruttiv tal-preskrizzjoni dment li jinħareġ qabel ma jkun għalaq iż-żmien preskrittiv[26]. Billi tali Mandat baqa' qat ma tħassar, u baqa' jiġġedded, l-appellant ma għandux raġun jgħid li t-talba għall-ħlas tat-taxxa dwar dawk is-Snin ta' Stima (1982 sa 1988) kienet waqgħet bil-preskrizzjoni. Għalhekk, l-aggravju tiegħu safejn jirrigwarda dawn is-snin mhux ser jintlaqa';

29. Madankollu, fid-dawl tal-kostatazzjonijiet u l-kunsiderazzjonijiet magħmulin fir-rigward tas-Sena ta' Stima 1989, l-aggravju tar-rikorrent appellant jistħoqqlu jintlaqa';

30. Ladarba l-Qorti mhix qiegħda tilqa' l-aggravji tal-ppell inċidentali tad-Direttur, jiġi li lanqas it-**tielet aggravju tal-appell inċdentali** tiegħu ma jmissu jintlaqa';

**Decide:**

31. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell inċidentali** tad-Direttur appellat;

---
[26] App. Ċiv. **26.11.1951** fil-kawża fl-ismijiet ***Mamo vs Fenech*** (Kollez. Vol: **XXXV.i.304**)

**Tilqa' in parti l-appell prinċipali** tar-rikorrent appellant billi tirriforma s-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Diċembru, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi u tilqa' f'parti minnha t-talba tal-istess rikorrent billi ssib li l-pretensjonijiet dedotti mid-Direttur appellat fl-ittra uffiċjali tiegħu tas-26 ta' Ottubru, 2004, dwar is-Snin ta' Stima bejn l-1975 u l-1981 (it-tnejn inklużi) u s-Sena ta' Stima 1989 waqgħu bil-preskrizzjoni ; u tikkonfermaha mill-bqija; u

**Tordna** li kull waħda mill-partijiet tħallas l-**ispejjeż tal-appell rispettiv tagħha.**

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm